MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Numru 99999/9999

Il- Pulizija
(Spettur Victor Aquilina)

-vs-

Michael Chircop

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Michael Chircop ta’ 44 sena mwieled gewwa l- Belt Valletta nhar id- 29 ta’ Gunju 1961 bin Gorg u Andreana nee’ Gauci residenti temporaneament gewwa l- fond bl- isem ta’ ‘Belfior’ nru. 12, Flt. 1, Triq il- Forga, Naxxar u detentur ta’ karta tal- identita Nru. 501161M.

Talli nhar l- 14 ta’ Marzu 2006 u fil- jiem ta’ qabel f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li kienu jiksru l- istess

dispozizzjonijiet tal- ligi u li gew maghmula b' risoluzjoni wahda.

(1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti permezz tal- uzu ta' Cashlink card tal- BOV u dan ghad- detriment ta' Giuseppe Abela u ta' Banek kummercjali, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur, persuna, u lok, u dan ai termini tal- artikoli 18, 261, 267, 268, 269 tal- Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

(2) Ikkommetta serq ta' zewg Cashlink Cards mahruga mill- Bank of Valletta p.l.c., u dan ai termini tal- artikoli 18, 261 tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

(3) Xjentemnet laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l- oggetti, u dan ai termini tal- artikolu 334(a) tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

(4) U aktar talli huwa recediv ai termini tal- artikoli 49 u 50 u 289 tal- Kap 9, tal- Ligijiet ta' Malta, b' sentenzi moghtija lilu fi zminijiet differenti mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat li l- akkuzat fil- presenza ta' avukat tieghu ammetta l- akkuzi migjuba kontih u tenna wara li l- Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni.

Issibu hati ta' l- ewwel, tat- tieni u tar- raba akkuza, imma mhux hati tat- tielet li minnu qed tehilsu.

Rat l- artikoli 18, 261, 267, 268, 49, 50, 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah sentejn prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqsu z- zmien li minnhom ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------